MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 141/2011

**Valletta Service Station Limited**
**C-26858**

**vs**

**Emanuel Psaila**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' April 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt t'elef, seba mitt Euro u sebgha u hamsin centezmu (€6,700.57) rapprezentanti 'diesel' mibjugh u kkonsenjat lill-intimat fuq istruzzjonijiet tieghu u a beneficcju tieghu.

Bl-ispejjez tal-prezenti kif ukoll l-ittra interpellatorja u il-Mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment u bl-

imghax bi tmienja fil-mija sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz proprju gew imwahhla fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Pawl il-Bahar, w il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar u fil-post tal-konvenut gewwa San Pawl il-Bahar, fil-31 ta' Lulju 2012, u dan skond ir-riferti pozittivi tal-Marixxal Eugenio Mallia datati 31 ta' Lulju 2012 (fol 18 tergo).

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar id-9 ta' Ottubru 2012 (fol. 17) u fil-gazzetti lokali The Times fid-19 ta' Ottubru 2011 (fol 21) u l-Orizzont fid-19 ta' Ottubru 2012 (fol 22).

Illi fis-seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 25).

Rat illi fis-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2013 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba ta' l-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt t'elef, seba mitt Euro u sebgha u hamsin centezmu (€6,700.57), kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-ispejjez tal-prezenti kif ukoll l-ittra interpellatorja u l-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment u bl-imghax bi tmienja fil-mija mit-28 ta' April 2011 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------